Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-8 ta' April, 2003

Appell Civili Numru. 566/1991/1

**George Cini f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' hutu assenti Mary mart James Morehead, Paul Cini, Beatrice sive Betty mart Richard Bell, Charles Cini u Margaret mart Derek Phipps, Ludgarda sive Carry mart Gaetano Bajada, Angela mart Albert Mallia u Inez mart Carmelo Lia, kif ukoll l-imsemmija Gaetano Bajada, Albert Mallia u Carmelo Lia ghal kull interess li jista' jkollhom bhala amministraturi tal-beni parafernali tar-rispettivi nisa taghhom**

**vs**

**Carmelina mart Gaetano Grech u l-istess Gaetano Grech ghal kull interess li jista' jkollu bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali tal-imsemmij martu**

**Il-Qorti,**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi fil-kors ta' proceduri quddiem it-Tribunal tal-Arbitragg Dwar il-Qsim ta' Wirt fl-ismijiet "George Cini pro et noe et vs Carmelina Grech (Rikors numru 2/91)" ghall-qsim tal-wirt ta' Giuseppa Cini omm l-atturi u l-konvenuta Carmel Grech, l-istess Carmelina Grech ivvantat titolu ta' lokazzjoni fuq il-fondi numru 65 u 67 Assumption Street, Marsa, u esebit librett b'ricevuta wahda datata 11 ta' Mejju 1984 li in forza taghha tippretendi li l-mejta kritilha l-fondi de quo; illi kif jigi pruvat l-istess ricevuta datata 11 ta' Mejju 1984 hija frawdolenti billi l-firma ma tikkorrispondix ghal dik tal-mejta Giuseppa Cini; u illi konsegwentement il-konvenuti ma ghandhom ebda titolu ta' lokazzjoni u kwindi qed jokkupaw l-istess fondi 65 u 67 Assumption Street, Marsa, minghajr ebda titolu validu fil-ligi; talbu ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tiddikjara illi r-ricevut tal-11 ta' Mejju 1984 fuq imsemmija hija frawdolenti billi l-firma ma tikkorrispondix ghal dik tal-mejta Giuseppa Cini; 2. tiddikjara illi konsegwentement ma tezisti ebda lokazzjoni a favur tal-konvenuti; 3. tordna l-izgumbrament tal-konvenuti mill-fondi imsemmija 65 u 67 Assumption Street, Marsa fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn dik l-Qorti u konsegwentement tordna lill-istess konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju jikkonsenjaw sett cwievet tal-istess fondi fuq imsemmija; bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, guramentata mill-attur George Cini, u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha eccepew:
1. Illi preliminarjament in-nota tax-xhieda u ta' dokumenti esebiti flimkien mac-citazzjoni huma nulli

stante li m'ghandhomx l-indikazzjoni tal-Qorti u tal-partijiet kif irid ikollu kull att ippresentat fir-registru ta' dik il-Qorti;
2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, mhux minnu li l-firma fuq ir-ricevuta ta' kera datata 11 ta' Mejju 1984 hija falza jew li ma tikkorrispondix ghal dik tal-mejta Giuseppa Cini;
3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, it-tieni u t-tielet talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-kirja de quo tirrizulta kemm mir-ricevuta già msemmija kif ukoll minn xhieda ohra dwar min kien ihallas il-kera lid-defunta Giuseppa Cini fuq il-fond 65/67 Assumption Street, Marsa;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata mill-konvenuta Carmelina Grech, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-hdax (11) ta' Ottubru, 1991 illi permezz taghha giet respinta l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti bl-ispejjes kontra taghhom;

Rat is-sentenza fil-meritu moghtija mill-istess Qorti fil-hamsa (5) ta' Mejju, 2000 illi permezz taghha l-istess Qorti iddecidiet hekk:
"… taqta' l-kawza billi, wara li tghid li l-firma fuq ir-ricevuta tal-11 ta' Mejju 1984 ma hix tassew il-firma ta' Giuseppa Cini, tghid illi l-konvenuti ma ghandhomx titolu ta' kiri fuq il-fondi fil-Marsa, Triq l-Assunta, numri hamsa u sittin (65) u sebgha u sittin (67). Tichad it-talba ghall-izgumbrament tal-konvenuti izda tikkundanna lill-konvenuti jaghtu lill-atturi kopja tac-cwievet tal-fondi fi zmien xahar millum.

"Billi wkoll jidher li saret falsifikazzjoni ta' dokument u sar uzu minn dan id-dokument f'dawn il-proceduri, il-qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex minnufih tinnotifika lill-Avukat Generali u lill-Kummissarju tal-Pulizija b'kopja ta' din is-sentenza sabiex dawn jaraw jekk sarx ksur ta' l-art. 187 tal-Kodici Kriminali jew ta' xi dispozizzjoni ohra tal-ligi penali";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

“B’digriet moghti fit-2 ta’ Dicembru 1991 il-qorti hatret lil Dr Anthony Abela Medici bhala espert biex ighid jekk dik li tidher li hija l-firma ta’ Giuseppa Cini fuq ir-ricevuta tal-11 ta’ Mejju 1984 hijiex tassew taghha. L-espert, wara li ezamina l-firma u qabbilha ma’ firem ohrajn li l-partijiet qablu li huma ta’ Giuseppa Cini, fosthom firem fuq testment li sar ftit xhur biss qabel ir-ricevuta, halef ir-rapport tieghu fid-9 ta’ Ottubru 1997. Ghar-ragunijiet dettaljati moghtija fir-rapport, l-espert wasal ghall-konkluzjoni li l-firma fuq ir-ricevuta ma taqbilx mal-firem l-ohra li zgur huma t’ Giuseppa Cini. Ir-ragunijiet moghtija mill-espert huma konvincenti u din il-qorti taqbel mal-konkluzjoni li l-firma fuq ir-ricevuta hija falza.

“Din ir-ricevuta, ghalhekk, ma tistax isservi ta’ prova ta’ kiri favur il-konvenuti.

“Il-konvenuti, izda, ighidu li hemm xhieda ohra, barra mir-ricevuta, li turi li hemm kirja favur taghhom. Fil-fatt huma ressqu xhieda li qalu li l-konvenuta kienet thallas kera lis-sid Giuseppa Cini.

“Fil-fehma tal-Qorti, izda, ghalkemm ix-xhieda mressqa mill-konvenuti jidhru li jixtiequ jghidu li tassew kien hemm dan il-kiri, ix-xiehda taghhom hija x’aktarx ekwivoka u ma tistax toqghod fuqha biex tghid li tassew kien hemm il-kunsens tas-sid ghall-kiri.

“Dawn ix-xhieda, fil-fatt, ighidu li Giuseppa Cini ma kienitx tkun trid taccetta l-offerta ta’ hlas ghall-kera, izda l-flus kienet tispicca biex tehodhom. Madanakollu, jidher li l-allegazzjoni li Giuseppa Cini kienet taccetta l-flus hija aktar konkluzjoni tax-xhieda milli fatt li dwaru jistghu jixhdu ghax jafuh huma nfushom.

“Nathalie Mallia, oht ir-ragel tat-tifla tal-konvenuta, xehdet hekk:
Carmelin [Grech, il-konvenuta] lil ommha … … … dejjem toffrilha l-flus dwar il-kera tal-post; … … … ix-xiha dejjem tirrifjuta; kienet tghidilha “M’ghandekx ghalfejn ghax inti qed iddur biha”, u dejjem kienet tinsisti ma tridx, ma tridx; … … … ix-xiha dejjem kienet tehodhom imbaghad.

“Meta saritilha mistoqsija dwar kif taf li Giuseppa Cini kienet taccetta l-flus, ix-xhud wiegbet li hi kienet tkun hemm, izda meta regghet saritilha mistoqsija dwar kif kienet taghmel Giuseppa Cini biex taccetta l-hlas, ix-xhud setghet tghid biss li ‘kienet tgerfex fil-kexxun’.

“Xhud ohra, Alessandra Buttigieg, bint il-konvenuti, xehdet hekk:
Il-kera n-nanna qatt ma riditha, qatt, qatt u qatt.
“Meta izda saritilha mistoqsija dwar x’kienet taghmel Giuseppa Cini bil-flus li kienet toffrilha l-konvenuta, ix-xhud, b’kontradizzjoni ma’ dak li xehdet qabel, wiegbet illi:
Tehodhom;  kellha bzonnijiet x’taghmel hi.
“Skond din ix-xhud, ir-raguni ghala Giuseppa Cini ma kinitx trid taccetta kera minghand bintha - jew forsi ma kinitx taccetta biss li taghmel ricevuta - kienet li Giuseppa Cini kellha l-hsieb li fit-testment taghha thalli l-fondi *de quibus* lill-konvenuta u ghalhekk, la darba din kienet sejra ssir sid wara l-mewt ta’ ommha, ma kinitx tehtieg titolu ta’ kiri.  Fl-ahhar ta’ hajjitha, izda, Cini bidlet it-testment u l-fondi ma baqghux aktar imhollijin lill-konvenuta.  Kien meta ghamlet hekk li, skond din ix-xhud, Cini accettat li taghti lill-konvenuta titolu ta’ kiri:
Qabel mietet qalet lil ommi, qaltilha, “Carm, ghamel ktieb ghax bdiltlek it-testment”.

“Gà rajna, izda, li dan il-ktieb ma sarx minn Giuseppa Cini, ghax ir-ricevuta esibita mill-konvenuti ma hix iffirmata minn Cini.

“Xhud iehor li qal li ra lill-konvenuta thallas il-kera lil ommha kien John Buttigieg, ir-ragel tax-xhud l-ohra Alexandra, bint il-konvenuta.  Dan xehed li jaf li l-konvenuta kienet taghti l-flus tal-kera lil Giuseppa Cini:
Ghax kont ninzerta hemmhekk, u inzertajtha kemm-il darba ’ttiha l-ktieb tal-kera u ’ttiha l-flus.

“Nafu, izda, li ktieb tal-kera ma kienx hemm!

"L-istess haga qalet Mary Attard, bint il-konvenuti. Xehdet illi l-konvenuta kienet taghti lil Giuseppa Cini ktieb bil-flus u li kienet tghidilha:
"Ha, ma, dan il-ktieb tal-kera biex lili ma thallinix imhabbta."
"Saritilha mistoqsija jekk Cini kinitx tiehu dawn il-flus u wiegbet hekk:
U zgur li kienet tehodhom! Kienet thallihomlha fuq il-*'fridge*, daqqa fuq is-*sideboard*, daqqa fuq il-mejda; dejjem hadithom.

"Waslet ghal din il-konkluzjoni, li 'dejjem hadithom', ghax:

… … … ma kontx narahom imbaghad. Gieli rajtha ghax jien kont nahslilha u nnadfilha. Gieli kont innadfilha fuq il-*'fridge* jew fuq is-*sideboard*, kont nghidilha 'Nann, ghandek il-ktieb hawn'; kienet taqbdu u tiehdu u tpoggih go kaxxa ta' l-imkatar fuq is-*sideboard*.

"Izda jekk xi hadd ikun hallielek flus li ma tkunx trid, biex ma titqiesx li accettajthom ma tridx bilfors thallihom fuq il-*'fridge*, bhallikieku jekk tmisshom tkun accettajthom! Anzi, il-fatt li il-flus kienu jibqghu fuq il-*'fridge* sakemm jinduna bihom min jigi jnaddaf ikompli juri li kien kontra r-rieda ta' Cini li l-flus kienu jithallew ghandha.

"Fil-fehma tal-qorti, l-aktar wahda li xehdet car dwar jekk kienx hemm ftehim ta' kera bejn il-konvenuti u Giuseppa Cini kienet il-konvenuta stess, kif juri dan id-djalogu bejn il-konvenuta u l-avukat ta' l-atturi:

Avukat: Ma' ommok qatt kien hemm ftehim ta' kera?
Xhud: Ta' kera, le.
Avukat: Qatt ma kien hemm ftehim?
Xhud: Qatt ma riditha.
"Il-konvenuti, izda, qeghdin jghidu wkoll li t-testmenti li kienet ghamlet Giuseppa Cini, u li wara hassrithom b'testment iehor, ukoll jaghtu xiehda ta' kiri.

"Is-sitt artikolu tat-testment tat-12 ta' Ottubru 1970 fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia jghid hekk:

It-testatrici Giuseppa Cini tesenta lil uliedha kollha mill-obbligu tal-konferiment fil-massa ereditarja u ta' l-imputazzjoni ghal sehemhom ta' daka kollu li rcevew u li ghad jistghu jircievu minghand it-testatrici ghal kull kawza u raguni u taht kull titolu, inkluzi d-doti, kif ukoll il-kera li ma haditx u li ma tihux 'il quddiem minghand bintha Carmelina u zewgha Carmelo Grech.

"L-istess haga jghid il-hames artikolu tat-testment tas-17 ta' Mejju 1976 fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia. Il-fatt li dawn it-testmenti, wara, thassru, ma jfissirx li ma ghadhomx jiswew bhala xiehda ta' ftehim *inter vivos* jekk tassew jaghtu xiehda ta' ftehim.

"Izda xi jfissru l-kliem 'il-kera li ma haditx u li ma tihux aktar 'il quddiem minghand bintha Carmelina u zewgha Carmelo Grech'? Ifissru, kif qeghdin ighidu l-konvenuti, illi huma kellhom ihallsu kera lit-testatrici, u ghalhekk kien hemm kiri bejniethom, izda xi drabi ma hallsux u ghalhekk kellhom dejn li t-testatrici ma riditx li jingieb b'kollazzjoni fil-massa tal-wirt?

"Jew tfisser, kif qeghdin ighidu l-atturi, li t-testatrici riedet biss li hadd wara mewtha ma jippretendi xi hlas minghand il-konvenuti talli dawn kienu joqghodu fil-fond?

"Kull wahda miz-zewg interpretazzjonijiet hija possibbli, izda certament jekk il-hsieb tat-testatrici kien li tghid li bintha kellha titolu ta' kiri fuq il-fondi l-ghazla tal-kliem fl-artikolu testamentarju xejn ma kienet felici u univoka kif qeghdin jippretendu l-konvenuti. Biex tasal ghal interpretazzjoni tajba ta' dan l-artikolu l-qorti jkollha tinqeda bl-ghajnuna kemm tal-kanoni ta' interpretazzjoni kif ukoll ta' cirkostanzi ohra li jistghu jitfghudawl fuq il-hsieb tt-testatrici.

"Fil-fehma tal-qorti, it-testatrici ma riditx tghid li kien hemm kiri favur il-konvenuti. Jekk tassew it-testatrici riedet tghid 'bl-aktar mod car', kif jissottomettu l-konvenuti fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, li kien hemm kiri favur il-konvenuti, ghala ma qalitx hekk espressament? Anzi, kif rajna mix-xiehda mressqa mill-konvenuti stess, Giuseppa

Cini dejjem qaghdet attenta li tirrifjuta l-offerti ta' kera u li ma taghtix ricevuti, biex ma tintrabatx b'kiri. Jista' jinghad li ma riditx tintrabat b'kiri matul hajjitha izda riedet taghti prova tal-kiri li kienet tiswa biss ghal wara mewtha, u ghalhekk ghmlitha fit-testment. Izda ma kellha ebda raguni ghala lill-konvenuti taghtihom din il-protezzjoni f'dawn iz-zewg testmenti, ghax kienet sejra taghtihom titolu ahjar, dak ta' proprjetà.

“Il-qorti ghalhekk aktar tasal biex tghid li l-hsieb tat-testatrici kien li l-konvenuti ma jkunux imsejjha mill-ko-werrieta biex ihallsu ghaz-zmien li kienu joqoghdu fil-fond meta kien tat-testatrici, milli li taghti xiehda li kellhom titolu ta' kiri.

“Din il-konkluzjoni taqbel ukoll ma' dak li jghid l-art. 1009 tal-Kodici Civili. Huwa minnu li dan l-artikolu huwa dwar interpretazzjoni ta' kuntratti, mhux ta' testmenti, izda hawn il-konvenuti qeghdin jinqdew b'dispozizzjoni f'testment mhux ghas-siwi testamentarju taghha izda bhala xiehda ta' ftehim, u ghalhekk il-qorti hija tal-fehma li tista' tinqeda b'dan l-artikolu tal-ligi ghall-ghanijiet tallum.

“Li kieku tassew kien hemm kiri, Giuseppa Cini kienet tkun debitrici ta' l-obbligazzjonijiet ta' sid il-kera, u ghalhekk, fil-kaz ta' dubju, il-kliem ghandu jiftehem fis-sens li ma kienx hemm dik l-obbligazzjoni. Din l-interpretazzjoni tkompli ssahhah ir-ragunijiet l-ohra li rajna kontra t-tezi tal-konvenuti.

“Argument iehor tal-konvenuti hu li s-servigi li kienu jaghtu lil Giuseppa Cini jiswew daqs hlas ta' kera, biex hekk hemm kiri favur taghhom. Jekk il-konvenuti irrendew servigi lil Giuseppa Cini, jista' jkun li jkollhom dritt ghal kumpens minghand il-werrieta, izda ma ngiebet ebda xiehda li turi li Giuseppa Cini kienet qieghda tpaci dak li kellha taghti lill-konvenuti ghas-servigi ma' dak li kellha tiehu minghandhom bhala kera. Ghalhekk, ma jistax jinghad li s-servigi kienu l-korrispettiv ghall-kiri, u lanqas dan l-argument tal-konvenuti ma hu tajjeb.

“Billi, ghalhekk, lill-konvenuti ma sehhilhomx juru li ghandhom titolu ta’ kiri fuq il-fondi, it-tieni talba ta’ l-atturi ghandha tintlaqa’.

“L-atturi qeghdin jitolbu wkoll l-izgumbrament tal-konvenuti.

“Ma ntwerewx lill-qorti r-ricerki testamentarji ta’ Giuseppa Cini, izda l-partijiet qeghdin jaqblu illi l-ahhar testment taghha kien dak tal-15 ta’ Frar 1984 fl-atti tan-Nutar Antoine Agius. F’dan it-testment il-konvenuta nhatret werrieta flimkien ma’ hutha, u ghalhekk hija ko-proprjetarja tal-fondi. Bhala ko-proprjetarja hija tista’ tinqeda bil-proprjetà komuni, u ghalhekk it-talba ghall-izgumbrament ma tistax tintlaqa’. Madankollu, l-atturi, ko-proprjetarji wkoll, ghandhom dritt daqs il-konvenuta li jinqdew bil-post, u ghalhekk it-tieni parti tat-tielet talba ta’ l-atturi, biex tinghatalhom kopja tac-cwievet, ghandha tintlaqa’.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenuti illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu hekk:
“… illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka intoto s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi u tiddikjara li tezisti kirja favur l-appellanti tal-fondi 65/67, Assumption Street, Marsa, u ghalhekk tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati”;

Rat ir-risposta ta’ l-appell ta’ l-atturi illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottmettew illi l-appell interpost ghandu jigi respint, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi, qabel xejn, a skans ta’ ekwivoci jrid jigi precizat illi ma hemmx dubju illi l-appell tal-konvenuti huwa dirett kontra

s-sentenza finali biss, dik pronunzjata fil-hamsa (5) ta' Mejju, 2000, u mhux kontra s-sentenza *in parte* tal-hdax (11) ta' Ottubru, 1991. Dan jirrizulta car mis-segwenti silta mir-rikors ta' appell (fol. 199):
"Illi l-esponenti hassew ruhhom aggravati bl-imsemmija sentenza tal-5 ta' Mejju 2000 u ghalhekk qed jinterponu umili appell quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell …"

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenuti kontra s-sentenza tal-5 ta' Mejju, 2000 huma s-segwenti:
1. Illi l-ewwel Qorti adottat il-konkluzjonijiet peritali ta' Dottor Anthony Abela Medici minghajr ma tat ir-ragunijiet sufficjenti;

2. Illi, fil-kliem testwali tar-rikors ta' appell, "… dak li kellu jwassal ghall-konvinciment illi effettivament kien hemm kirja u li l-firma fuq imsemmija [fuq ir-ricevuta tal-11 ta' Mejju, 1984] ma hijiex wahda falza huma proprju l-fatti kif esposti mill-konvenuti u bl-ebda mod kontradetti mill-atturi";

3. Illi interpretazzjoni korretta ta' l-artikolu 6 tat-testment ta' Giuseppa Cini tat-12 ta' Ottubru 1970 u ta' l-artikolu 5 tat-testment tas-17 ta' Mejju 1976 ta' l-istess Giuseppa Cini ghandha twassal ghall-konkluzjoni illi l-konvenuti ghandhom favur taghhom titolu ta' kirja tal-fondi in kwistjoni;

4. Illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni zbaljata illi ma jirrizultax pruvat illi, fi kliem is-sentenza appellata, "… Giuseppa Cini kienet qieghda tpaci dak li kellha taghti lill-konvenuti ghas-servigi ma' dak li kellha tiehu minghandhom bhala kera";

5. Illi, ukoll fil-kliem testwali tar-rikors ta' appell, "… il-konkluzjoni illi wasslet ghaliha l-ewwel Qorti u cioè illi l-atturi kollha ghandhom jinghataw kopja tac-cwievet peress illi huma ko-proprjetarji tal-fondi hija wkoll erronea peress illi kif jirrizulta mill-okkju anki tal-istess kawza hemm diversi atturi u partikolarment Gaetano Bajada,

Albert Mallia u Carmelo Lia illi ma humiex l-ahwa ulied ta' Giuseppa Cini u ghalhekk fl-aghar ipotesi, dawn certament ma kellhomx jinghataw id-dritt illi jkollhom kopja tac-cavetta stante illi ma ghandhom l-ebda dritt fil-koproprjetà parafernali tal-fondi già imsemmija";

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-awtencità o meno tal-firma fuq ir-ricevuta tal-11 ta' Mejju 1984 (Dok. A, fol. 5) l-ewwel Qorti qalet biss hekk:
"… L-espert, wara li ezamina l-firma u qabbilha ma' firem ohrajn li l-partijiet qablu li huma ta' Giuseppa Cini, fosthom firem fuq testment li sar ftit xhur biss qabel ir-ricevuta, halef ir-rapport tieghu fid-9 ta' Ottubru, 1997. Ghar-ragunijiet dettaljati moghtija fir-rapport, l-espert wasal ghall-konkluzjoni li l-firma fuq ir-ricevuta ma taqbilx mal-firem l-ohra li zgur huma ta' Giuseppa Cini. Ir-ragunijiet moghtija mill-espert huma konvincenti u din il-qorti taqbel mal-konkluzjoni li l-firma fuq ir-ricevuta hija falza."

Fil-fehma tal-konvenuti appellanti, l-ewwel Qorti ma tatx "ragunijiet sufficjenti" biex turi ghaliex adottat il-konkluzjoni peritali dwar il-firma fuq l-imsemmija ricevuta. Dina l-qorti ma taqbilx mal-fehma tal-konvenuti ghaliex, wara illi hija ezaminat bir-reqqa r-rapport ta' l-espert Dottor Anthony Abela Medici, id-dokumenti esibiti mieghu u l-atti rilevanti tal-kawza ma ghandha xejn x'tghid hlief illi - kif ghamlet l-ewwel Qorti - taqbel mal-konkluzjoni raggjunta mill-imsemmi espert. Dak illi tista' zzid dina l-Qorti huwa illi, apparti r-rapport peritali, paragun, anke l-aktar hafif, bejn il-firma fuq l-imsemmija ricevuta u - biex wiehed jiehu ezempju - il-firma awtentika ta' Giuseppa Cini fuq it-testment taghha tal-15 ta' Frar, 1984 fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius, ma jhalli ebda dubju illi l-firma fuq ir-ricevuta mhix wahda awtentika ta' l-istess Giuseppa Cini;

Illi, konsegwentement, l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni (2) aggravju ta’ l-appellanti jammonta ghal sottomissjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti. Dina l-Qorti, wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti, mhux talli ma taqbilx ma’ din is-sottomissjoni talli ma tistax ma tesprimix il-fehma taghha illi l-ewwel Qorti analizzat il-provi prodotti b’mod ammirevoli u waslet ghall-konkluzjoni, kondiviza pjenament minn dina l-Qorti, illi minn dawn il-provi ma jirrultax pruvat illi l-appellanti ghandhom favur taghhom titolu ta’ kera tal-fondi in kwistjoni;

Illi, ghalhekk, it-tieni (2) aggravju tal-konvenuti appellanti ma jistax jintlaqa’;

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti ma taqbilx ma’ dak illi ssottomettew il-konvenuti appellanti permezz tat-tielet (3) aggravju taghhom dwar l-interpretazzjoni ta’ l-artikolu numru 6 tat-testment tat-12 ta’ Ottubru, 1970 u ta’ l-artikolu numru 5 tat-testment tas-17 ta’ Mejju, 1976, it-tnejn maghmula minn Giuseppa Cini. Fil-fehma ta’ dina l-Qorti, l-interpretazzjoni korretta ta’ dawn l-artikoli - illi huma identici - hija dik maghmula mill-ewwel Qorti u mhux dik illi jippretendu illi kellha tkun il-konvenuti appellanti. F’dan ir-rigward, l-aqwa argument illi jimmilita favur l-interpretazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti huwa dak kontenut fil-parti sottolineata tas-segwenti silta mis-sentenza appellata:
“Fil-fehma tal-Qorti, it-testatrici ma riditx tghid li kien hemm kiri favur il-konvenuti. Jekk tassew it-testatrici riedet tghid ‘bl-aktar mod car’, kif jissottomettu l-konvenuti fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom, li kien hemm kiri favur il-konvenuti, ghala ma qalitx hekk espressament? Anzi, kif rajna mix-xiehda mressqa mill-konvenuti stess, Giuseppa Cini dejjem qaghdet attenta li tirrifjuta l-offerti ta’ kera u li ma taghtix ricevuti, biex ma tintrabatx b’kiri. Jista’ jinghad li ma riditx tintrabat b’kiri matul hajjitha izda riedet taghti prova tal-kiri li kienet tiswa biss ghal wara mewtha, u ghalhekk ghamlitha fit-testment. Izda <u>ma kellha ebda raguni ghala lill-konvenuti taghtihom din il-protezzjoni f’dawn iz-zewg testmenti, ghax kienet sejra</u>

taghtihom titolu ahjar, dak ta' proprjetà." (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Illi m'hemmx dubju illi meta l-ewwel Qorti semmiet dan it-"titolu ahjar" kienet qed talludi ghall-artikolu numru erbgha (4) ta' l-imsemi testment tat-12 ta' Ottubru, 1970, illi permezz tieghu Giuseppa Cini halliet il-fondi in kwistjoni "… b'titolu ta' prelegat in piena u assoluta proprietà lill-bintha Carmelina Grech" (il-konvenuta);

Ma jaghmilx sens illi Giuseppa Cini, fl-istess waqt illi qed taghmel dispozizzjoni testamentarja illi permezz taghha thalli l-fondi in kwistjoni b'titolu ta' proprjetà assoluta lill-konvenuta, tiddikjara permezz ta' l-istess testment illi dawn il-fondi jinsabu mikrija minnha lill-istess konvenuta;

Illi, ghalhekk, anqas it-tielet (3) aggravju tal-konvenuti ma jimmerita akkoljiment;

Ikkunsidrat:

Illi permezz tar-raba' (4) aggravju taghhom il-konvenuti appellanti qed jissottomettu illi l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta kkonkludiet illi
"… ma ngiebet ebda xiehda li turi li Giuseppa Cini kienet qieghda tpaci dak li kellha taghti lill-konvenuti ghas-servigi ma' dak li kellha tiehu minghandhom bhala kera."

Huwa veru illi, kif jghidu l-appellanti fil-parti indikata bl-ittra "E" tar-rikors ta' l-appell, ix-xhieda Anthony Attard u Nathalie Mallia ddeponew illi Giuseppa Cini ma kienitx tkun trid tiehu kera minghand bintha l-konvenuta ghaliex din kienet tirrendilha servigi, izda huwa evidenti illi l-ewwel Qorti ma tatx kredibilità lil dawn ix-xhieda. L-ewwel Qorti kellha ragun f'dan ghaliex kif jista' jigi konsidrat kredibbli Anthony Attard illi xehed illi kien jara lill-konvenuta taghti l-flus lil ommha fi ktieb tal-kera meta jirrizulta illi qatt ma kien hemm ktieb tal-kera? Dwar in-nuqqas ta' kredibilità tax-xhud Nathalie Mallia huwa sufficjenti illi tigi citata s-segwenti silta mis-sentenza appellata:
"Nathalie Mallia, oht ir-ragel tat-tifla tal-konvenuta xehdet hekk:

Carmelin [Grech, il-konvenuta] lil ommha … dejjem toffrilha l-flus dwar il-kera tal-post; … ix-xiha dejjem tirrifjuta; kienet tghidilha 'M'ghandekx ghalfejn ghax inti qed iddur bija', u dejjem kienet tinsisti ma ttridx, ma tridx; … ix-xiha dejjem kienet tehodhom imbaghad.

"Meta saritilha mistoqsija dwar kif taf li Giuseppa Cini kienet taccetta l-flus, ix-xhud wiegbet li hi kienet tkun hemm, izda meta regghet saritilha mistoqsija dwar kif kienet taghmel Giuseppa Cini biex taccetta l-hlas, ix-xhud setghet tghid biss li 'kienet tgerfex fil-kexxun'."

Illi dina l-Qorti, ghalhekk, hija tal-fehma illi l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw illi kienet ssir tpacija bejn il-flus dovuti mill-konvenuti bhala hlas ta' kera tal-fondi in kwistjoni u l-ammont dovut minn Giuseppa Cini lil bintha l-konvenuta ghas-servigi illi din ta' l-ahhar kienet tipprestalha;

Konsegwentement, ir-raba (4) aggravju tal-konvenuti appellanti ma jirrizultax fondat;

Ikkunsidrat:

Illi dak illi jissottomettu l-konvenuti permezz tal-hames (5) u l-ahhar aggravju taghhom kellu, *se mai*, jigi avanzat permezz ta' eccezzjoni u mhux fl-istadju ta' appell. Ghalhekk, ma hemmx lok illi dan l-aggravju jigi konsidrat;

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi t-terminu ta' xahar stabbilit fis-sentenza appellata sabiex il-konvenuti jaghtu lill-atturi kopja tac-cwievet tal-fondi in kwistjoni ghandu jibda jiddekorri mill-lum;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenuti appellanti; u tordna wkoll notifika ta' din is-sentenza lill-Avukat Generali u lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-istess fini moghti fis-sentenza appellata.

---------------------------------TMIEM---------------------------------